ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi (Citta' Pinto)

## Rapport Annwali Amministrattiv

## JANNAR - DIĊEMBRU 2018

## Is-Seba' Kunsill Lokali 2015 -2019

Werrej

| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **3** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **10** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **17** |

## ***1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku***

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-ħidma għas-sena 2018, liema sena tibda' mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018, fejn jagħti rendikont tal-ħidma li saret mill-Kunsill matul is-sena flimkien ma' proġetti ppjanati għas-sena 2019.

**Ħidma fis- sena 2018**

Fis-sena 2018 l-ikbar proġetti infrastrutturali kienu l-pavimentar ġdid ta' Pjazza quddiem il-Knisja ż-Żgħira fi San Bastjan, flimkien mal-proġett ta' għoti ta' konkos fil-passaġġi rurali f'Wied is-Sewda u Wied il-Kbir.

Ma' dawn saru għadd ta' bankini ġodda fosthom fi Triq ir-Ragħaj, f'parti minn Triq Ġużè Galea, Triq iż-Żinżel, Triq San Edwardu u parti minn Triq Santa Katerina.

Matul ix-xhur tas-Sajf, wara nsistenza mal-Ministeru għat-Transport u Infrastruttura ġie nstallat *rain water culvert* fi Triq Dun Marju, sabiex tittaffa l-problema tal-ilma tax-xita li jinżel minn din it-triq.

Wara snin ta' telqa, l-art eżistenti fi Triq il-Wied, ħdejn iċ-Ċimiterju ngħatat dehra ġdida permezz ta' nstallar ta' Open Gym u parking area mgħammra b'dawl adegwat. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Public Works li kien jikkonsisti wkoll f'manutenzjoni taċ-ċnut fi Triq il-Wied. Malli tlestiet din il-manutenzjoni ġew installati sett fanali ġodda, li taw dehra aħjar lil din iz-zona.

Hekk kif il-Kunsill ħallas is-self fuq il-binja tiegħu, ġie deċiż li jinxtara garaxx kbir fi Triq San Edwardu sabiex jintuża kemm mill-ħaddiema manwali tal-Kunsill kif ukoll bħala spazju ta' arkivju. Dan l-investiment se jkun qed itaffi bosta spejjeż żgħar li jinqalgħu matul is-sena, li jammontaw għal elf ta' euro.

Għal dan il-Kunsill l-ambjent dejjem kien prijorita' u huwa proprju għalhekk li baqgħu jitqassmu boroz ħodor u ġie ntrodott ukoll it-tqassim ta' boroż għall-iskart organiku b'xejn lir-residenti Qriema. Din is-sena ġie imniedi l-ġbir ta' skart organiku, fejn b'ħidma mal-Gvern Ċentrali bdejna naraw li nedukaw bl-aħjar mod liċ-ċittadini tagħna sabiex jitgħallmu jagħżlu l-iskart. Minħabba din l-inizzjattiva kellha tinbidel l-iskeda tal-ġbir tal-iskart, fejn irriduċejna l-ġbir tal-borża s-sewda għal tlett darbiet fil-ġimgħa biss.

Matul is-sena 2018 komplejna ninvestu fl-edukazzjoni taċ-ċittadini Qriema. Inxtraw kotba ġodda għal-Librerija Reġjonali kif ukoll għal-Librerija Lokali

Mill-aspett soċjali, il-Kunsill baqa' jgħin lill-Għaqdiet Qriema kemm kulturali u sportivi. Il-Kunsill baqa' wkoll ta' spalla għal attivitajiet sinonimi mal-Qriema bħal Lejl f'Casal Fornaro.

Din is-sena ngħatat attenzjoni partikolari f'okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi, fejn fakkarna l-25 Sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Matul iċ-ċelebrazzjonijiet li ġew organizzati, ġew onorati dawk il-membri kollha li servew fil-Kunsill Lokali tagħna matul dawn il-25 sena.

Lil hinn minn dawn il-proġetti, bħala Kunsill indirizzajna mijiet ta' ilmenti u fuq kollox tajna servizz liċ-ċittadini.

Matul din is-sena, kellna bidla fl-Amministrazzjoni tal-Kunsill, wara li s-Sur Kenneth Brincat temm il-kariga tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u ħadet il-kariga s-Sjra Karen Camilleri, ex impjegata tal-istess Kunsill Lokali, wara li kisbet 5 snin esperjenza f'Kunsill Lokali ieħor.

Nittama li f'dan il-ftit ħin irnexxieli nagħti rendikont tal-ħidma ta' dan il-Kunsill. Qabel nagħlaq ma nistax ma nirringrazzjax lis-Segretarji Eżekuttivi tal-impenn konstanti tagħhom u l-professjonalita' tagħhom kif ukoll lill-istaff dinamiku tal-Kunsill Lokali. Ringrazzjament imur ukoll għall-sħabi l-kunsilliera tal-appoġġ u l-impenn tagħhom. Nappella sabiex bl-istess għaqda nkomplu naħdmu flimkien fl-interess taċ-ċittadini Qriema.

***Iffirmat***

Jesmond Aquilina

Sindku

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, Citta' Pinto, belt b'popolazzjoni ta' madwar 16,800 skont il-popolazzjoni stmata għal kull lokalita', huwa magħmul minn Ħdax-il Kunsillier, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu Qormi.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' ħames impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn il-Kumitati/Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Il-kumitati u s-sotto-kumitati mwaqqfa fis-seba' Kunsill, huwa wieħed u għandu dawn il-Kunsilliera bil-karigi u l-funzjonijiet tagħhom:

**KUMITAT FINANZI**
*Chairperson* Jesmond Aquilina
Membri Ralph Puli, Marvin Zammit, Segretarju Eżekuttiv, *Accountant* tal-Kunsill.

**<u>Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fis-Seba' Kunsill</u>**

**Sindku Jesmond Aquilina**
Chairman Kumitat Finanzi
Chairman Kumitat Proġetti
Kultura u Wirt Storiku
Għaqdiet Lokali
Attivitajiet tal-Kunsill
Editur Dielja

**Viċi Sindku Bjorn Azzopardi**
Viċi Chairman Kumitat Finanzi
Viċi Chairman Kumitat Proġetti
Ambjent Indafa u Widien (Ġonna Publici, Latrini, Ġbir ta' skart, Bulky Refuse, Tindif Non urban, Spazji miftuha, Knis, Riċiklagg, Enerġija Alternattiva, Tnaqqis ta' tniġġiż u proġetti ambjentali

**Renald Falzon**
Traffic Management u Ordni Pubblika
Lesa
Rappreżentant tal-Kunsill fil-Reġjun
Tabelli u sinjali tat-traffiku
Trasport Pubbliku
Street Furniture
Bus Shelter
Permessi tal-Gabbani fil-festi

Permessi Xogħlijiet fit-toroq u relazzjonijiet mal-pulizija
Parking Sensors Project,
Ismijiet tat-Toroq

**Josef Aquilina**
Anzjani
Persuni b'dizabilita
Animal Welfare

**Marvin Zammit**
Membru Kumitat Finanzi
Membru Kumitat Proġetti
Street Lighting u proġetti relatati ma' Energy saving
Gal Xlokk Rappreżentant

**Antoine Saliba Haig**
Zghazagh
Sports - Attivitajiet Sportivi
Customer Care
Youth Empowerment
Ambaxxatur taz-Zghazagh
Effiċjenza Customer Care

**Daniel Bugja**
Edukazzjoni
Korsijiet
Libreriji pubbliċi
Kampanji edukattivi

**Ralph Puli**
Membru Kumitat Finanzi
Membru Kumitat Proġetti
Relazzjonijiet u inizjattivi ma' intrapriżi lokali
Saħħa u Sigurta fil-postijiet tax-xogħol

**Martina Brancaleone**
Saħħa
Ħarsien Socjali (Familji fil-bzonn u problemi socjali)

**Jerome Caruana Cilia**
Proġetti u Finanzi mill-EU

**Robert Cremona**
PR u kommunikazzjoni,
Website u media socjali
Viċi Editur Dielja

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2018 l-31 ta' Diċembru 2018 fis-seba' legislatura inżammu ħmistax (15) –il laqgħa tal-Kunsill, u l-attendenza kienet hekk:

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ralph Puli | 15 | 13 | 2 | 0 | 86% |
| 2 | Jesmond Aquilina | 15 | 15 | 0 | 0 | 100% |
| 3 | Jerome Caruana Cilia | 15 | 14 | 1 | 0 | 93% |
| 4 | Bjorn Azzopardi | 15 | 15 | 0 | 0 | 100% |
| 5 | Renald Falzon | 15 | 14 | 1 | 0 | 93% |
| 6 | Josef Aquilina | 15 | 11 | 4 | 0 | 73% |
| 7 | Robert Reno Cremona | 15 | 11 | 4 | 0 | 73% |
| 8 | Martina Brancaleone | 15 | 11 | 4 | 0 | 73% |
| 9 | Antione Saliba Haig | 15 | 11 | 4 | 0 | 73% |
| 10 | Marvin Zammit | 15 | 15 | 0 | 0 | 100% |
| 11 | Daniel Bugeja | 15 | 15 | 0 | 0 | 100% |

**Nirringrazzja lill-Kunsilliera kollha għall-ħidma tagħhom fil-Kunsill matul din is-sena 2018.**

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta bħas-snin ta' qabel hekk:

| | |
|---|---|
| Kenneth Brincat/Karen Camilleri | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Marilyn Gatt Baldacchino: | Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi |
| Bernice Darmanin | Sezzjoni Amministrazzjoni |
| Ritienne Sammut: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet Pubblici |
| Maria Lewis: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mar-residenti |
| Nicole Farrugia | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mar-residenti |
| Sebastiana Tanti: | Cleaner |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Peter Paul Abela | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Frankie Agius | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi LLD/Dr Simon Cachia LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit William Lewis A&CE |

Matul din is-sena, permezz tal-iskema mħaddma mill-Community Worker Scheme, komplew jitħaddmu ħames ħaddiema li ġew imqabbda jagħmlu xogħol ta' *maintenance* ta' diversi ġonna u postijiet. Dan apparti żewġ ħaddiema minn din l-iskema li jinsabu assenjati fuq xogħol amministrattiv.

Huwa permezz ta' dan it-*team* ta' ħaddiema kollu li flimkien inbena s-suċċess fil-ħidma kontinwa tagħna u fit-tmexxija ta' l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk irrid nawgura li din il-ħidma kollha tkompli dejjem tikber aktar fis-snin li ġejjin, sew minħabba li issa drajna naħdmu minn bini u uffiċċini ġodda, li żgur kattru l-ħidma tal-amministrazzjoni kollha mill-kumdita' tal-bini u bini addattat. Inħossni kburi li għandi dan it-*team* sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2018 kienet ta': | € 1,199,444 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €69,483 |
| | **€ 1,268,927** |
| **Dħul minn Bye-laws ta'** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | € 3,208 |
| Bye-Laws - Użu ta' Faċilitajiet | € 4,000 |
| | **€ 7,208** |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta'** | |
| Dħul mill-LES Joint Committee | - |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet/ Aministration fees | €21,934 |
| **Interessi** | €0 |
| | **€ 21,934.00** |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidher taħt Dħul Ġenerali** | |
| Servizzi Komunitarji | € 1,610 |
| Sponsorships | €0 |
| Dħul Ġenerali | € 1,055 |
| Dokument/ u *Information Charges* | €0 |
| Dħul mill-*Media* | € 35 |
| Donazzjonijiet | € 2,000 |
| Refużjoni | € 26,997 |
| Dħul minn Permessi | € 62,522 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2018 kien ta'** | **€ 1,392,288** |

## 3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill(ikompli)

**L-INFIQ**

### Is-Salarji kienu mqassma hekk:

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku | €14,927 |
| Onorarja tal-Kunsilliera | €13,600 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | €32,337 |
| Salarji ta' l-impjegati | €124,309 |
| Kontribuzzjonijiet *Social Security* | €14,220 |
| | **€ 199,393** |

### Tiswijiet u manutenzjoni

| | |
|---|---|
| Toroq u Bankini | €11,335 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | €10,128 |
| Marki tat-traffiku | €7,335 |
| *Office Furniture & Equipment* | €7,875 |
| *Other Repairs & Upkeep* | €6,494 |
| *Propjeta' tal-Kunsill* | €1,484 |
| | **€44,651** |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta'**

| | |
|---|---|
| Ġbir ta' Skart | €194,621 |
| Waste Disposal | €144,042 |
| Ġbir ta' *Bulky Refuse* | €12,924 |
| Kiri ta' *Skips* | €1,392 |
| Knis u tindif ta' Toroq | €84,238 |
| *Clean. & Maint Non-Urban* | €7,692 |
| *Cleaning Public Conveniences* | €17,807 |
| *Cleaning Council Premises* | €0 |
| *Other Contractual Service* | €9,123 |
| *Clean. & Main. Parks & Gardens* | €77,890 |
| *Street Lighting* | €40,127 |
| *Studies & Consultations* | €13,398 |

| | |
|---|---|
| *Local Enforcement Expenses* | €1,347 |
| | **€604,601** |

**Dan huwa total ta' *Operations and Maintenance* ta'**

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | €13,288 |
| Xiri ta' Materjal *(Materials & Supplies)* | €12,297 |
| Kera | €233 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Internazzjonali | €838 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | €16,629 |
| Spejjeż ta' Trasport għall-attivitajiet u xogħol | €5,548 |
| Vjaġġar | €1,291 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | €10,846 |
| *Insurance Cover* | €4,879 |
| *Bank Charges* | €2,455 |
| *Is-Servizzi Professjonali* | €46,155 |
| *Training* | €6,667 |
| *Other Hospitality Costs* | €2,138 |
| *Social Events* | €64,814 |
| *Cultural Events* | €35,612 |
| *Community Services* | €1,997 |
| Spejjeż Oħra Inċidentali | €1,335 |
| *Provision for doubtful debts* | -€5,436 |
| *Depreciation* | €893,253 |
| | **€1,114,839** |

**Interessi fuq self mill-Bank kienu**

| | |
|---|---|
| Interessi fuq self mill-Bank | **€4,054** |
| **Total** | **€2,616,790** |

## *3.0 Il-Ħidma tal-Kunsill*

### 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Matul din is-sena il-Kunsill reġa organizza korsijiet u attivitajiet edukattivi li għalihom attendew aktar minn 500 ruħ.

Għal din is-sena skolastika ħsibna li nerġgħu ninkludu korsijiet bħall-litteriżmu fil-**Malti u l-ingliż**. Għal din is-sena skolastika wkoll komplejna nsaħħu u noffru firxa usa ta' korsijiet tal-kompjuter fejn reġgħu ġew offruti korsijiet għat-Tfal u l-adulti bħall-**IlearnIT** u **Robotics**.

### Qormi Road Race

Għat-22 sena konsekuttiva ġiet organizza l-Qormi Road Race, fejn din is-sena ipparteċipaw 'l fuq minn mitt atleta. Uħud minn dawn l-atleti huma barranin li jiġu apposta għal din it-tiġrija. Fit-tiġrija ta' l-10KM jingħataw diversi premijiet u tibda minn Triq il-Vitorja, quddiem il-bini tal-Kunsill u ddur mal-periferija ta' Ħal Qormi u tispiċċa fi Triq il-Wied quddiem il-Boċċi Klabb ta' San Ġorġ. Barra minhekk ġiet organizzata 2Km Fun Run għat-tfal, li hija tellieqa li ddur madwar il-wied ta' San Ġorġ.

Fil-**qasam tas-saħħa**, ġew organizzati wkoll taħdidiet tas-saħħa flimkien mad-Direttorat tas-Saħħa, b'mod partikolari kif wieħed jgħix ħajja aħjar kif ukoll inaqqas il-piż żejjed. Inizzjattiva oħra li niżlet tajjeb ħafna mar-residenti kienet it-testijiet tas-smigħ, li kienu offruti b'xejn għar-residenti kollha Qriema.

**Il-ħarsien soċjali** kien u għadu qed jingħata mportanza billi l-kunsill qed jaħdem mal-operaturi tal-proġett Leap u kif ukoll f'oqsma differenti relatati mal-anzjani billi s-servizz ta' social worker huwa mogħti kemm fl-uffiċċju tal-kunsill u kif ukoll mill-uffiċċju parrokjali sabiex b'hekk jintlaħqu ż-żewġ naħat ta' beltna.

**Fil-qasam tal-persuni b'dizabbilita'** l-ħidma kienet waħda kontinwa fejn għamilna rampi ma' postijiet pubblici sabiex ikun hemm aċċess aħjar. Apparti minn dan komplejna bis-servizz permezz tal-kuntratt ma' Dar il-Kaptan fejn il-Qriema kollha li jużaw is-servizzi tar-residenza jkollhom sostenn mill-kunsill.

Il-Kunsill baqa' f'kuntatt kontinwu ma' **Transport Malta** sabiex jara li l-proġetti ċentrali governattivi jkollhom l-inqas impatt possibli fuq iċ-ċittadini qriema.

### Kultura

Matul is-sena 2018 ġew organizzati numru ta' attivitajiet kulturali, ħafna minnhom flimkien mal-għaqdiet lokali, bħalma huma Lejl f'Casal Fornaro, Kunċerti Mużikali, Wirjiet u attivitajiet relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa. Din is-sena ġew iċċelebrati bi kbir il-festi relatati ma' Jum Ħal Qormi, fejn tfakkar il-275 sena minn meta Ħal Qormi ingħata t-titlu ta' CITTA Pinto. Għal din l-okkażjoni, ġew imnedija sett bolol ta' Ħal Qormi u żewġ kotba dwar Ħal Qormi.

Din is-sena l-Unur Ġieħ Ħal Qormi ġie mogħti lill-Imħallef Robert Mangion.

### Separazzjoni tal-Iskart

Din is-sena, kienet sena ta' sfida għall-pajjiż kollu, għall-fatt li propju f'Ottubru ġiet imnedija l-Kampanja Sort It Out, fejn il-poplu beda jissepara l-iskart tal-borża s-sewda u jagħżel l-iskart tal-ikel għalih. Dan

kollu tefa' piż fuq is-servizz ta' ġbir ta' skart li għal dawra fit-toroq tal-lokalita' kellu jagħmel tnejn jew anke tlett dawriet.

## Wirt Storiku

Wara bosta snin inħasset il-ħtieġa li jsir restawr tat-Tribuna ta' Pinto. Dan ix-xogħol sar fil-bidu tas-sena u ġie inawgurat mill-E.T. President tar-Repubblika M'Louise Coleiro Preca.

Matul ix-xahar ta' Mejju, propju fi Triq il-Vitorja, ġie inawgurat monument iddedikat lil Dr George Hyzler, tabib ferm maħbub mill-Qriema. Dr Hyzler serva lill-pajjiżna bħala Ministru għas-Sigurta' Soċjali. Fl-1998 ngħata l-midalja għal-Qadi tar-Repubblika.

## 3.3 ORGANIZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri, bis-Sotto Kumitati. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar u joħroġ aktar l-involviment f'dan il-qasam, bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippewrmettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

### L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali, permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li minn żmien għal żmien jinħarġu, li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

Din is-sena wkoll reġa' kien hemm żieda qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill. Il-Ħames impjegati preżenti tal-Kunsill huma ferm flessibbli fix-xogħol tagħhom u dan huwa parti mis-sigriet tas-suċċess li bih qed jiffunzjona l-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-ħidma ta' dan it-team ta' ħaddiema, f'kull livell ta' servizz li jagħtu, huwa ferm għoli u pożittiv, u żgur jinsab fil-quċċata tas-servizz mogħti mill-Kunsilli kollha f'Malta. Għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jaħtar persuna waħda għal kull elfejn u ħames mitt resident, meta r-residenti ta' lokalità jfissru l-istess bħall-popolazzjoni ta' lokalità. (Kap 363, art 53.(1)(a)).

Bil-għajnuna tal-ħidma ta' l-istess impjegati, il-Kunsill illum għandu żewġ *sites* fuq l-Internet, wieħed taħt id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, www.localgovernment.gov.mt, għall-Kunsill Qormi, fejn hemm l-informazzjoni kollha dwar il-Kunsill flimkien mal-Minuti ta' l-istess seduti tal-Kunsill kif ukoll il-Bye-Laws kollha.

Bl-introduzzjoni mill-Kunsill tal-ħlas tal-Local Enforcement System, tal-Liċenzji tal-Ħwienet, tal-Ħlas tal-Kera tal-Propjeta' tal-Gvern, tal-permessi tal-ftuħ ta' wiċċ it-triq, u permessi varji tal-Krejns, tad-Divertiment Pubbliku jew Attivitajiet oħra, ta' użu ta' Skips jew Bins on Wheels, il-kuntatt mal-klijenti/residenti li l-impjegati qed ikollhom ta' kuljum, illum ittrippla u għaldaqstant wieħed ikun

korrett jgħid li fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu dan ix-xogħol ma jaqta' xejn, fejn qed jitħalla ftit spazju għal xogħol importanti ieħor amministrattiv li bilfors irid isir. Illum dan is-servizz lir-residenti qed jingħata wkoll tul in-nofs ta' nhar tas-Sibt.

Bl-introduzzjoni u l-użu ta' sistemi elettroniċi, bħal *e-mails*, u *complaints handling* il-ġdid, wieħed b'daqshekk m'għandux jistenna li bl-użu ta' dawn is-sistemi jippretendi li x-xogħol isir f'ħakka t'għajn. Dan jgħodd għal kif jaħsbuha r-residenti, li jaħsbu li dawn is-sistemi sejrin iqabbżuh fl-ordni ta' xogħol li għandu jsir, jew inkella jirriżulta f'soluzzjoni mmedjata ta' l-ilment li jitressaq. L-aktar meta l-ilment li jitressaq ma jkunx ivverifikat u b'hekk spiss jiġri li tinħela ħafna enerġija meta jirriżulta li l-ilment ma jkun xejn qrib il-verita'.

Jinħass il-bżonn li tkun introdotta struttura effiċjenti li biha kull ilment ikun ivverifikat, u l-azzjoni li trid tittieħed tkun attwata fl-aqsar żmien. Meta għas-soluzzjoni ta' lment tkun mistennija l-intervent ta' xi entita' jew dipartiment barra mill-Kunsill, l-aġir tal-Uffiċċju tal-Kunsill ikun jikkonsisti filli kull ilment jintbagħat lill-entita' partikolari u f'moniteraġġ ta' dak l-ilment. Ħafna drabi, iżda, dan ikun possibbli biss permezz ta' emails u telefonati mill-istess uffiċċju. Iżda meta l-ilment ikun direttament responsabbilta' tal-Kunsill, sakemm ma jkunx jirrigwarda xi kuntrattur partikulari, wieħed irid jinnota li l-Kunsill m'għandux ħaddiema tiegħu sabiex isolvu problemi. Għalhekk ħafna drabi ikun jeħtieġ tul ta' żmien sabiex l-ilment ikun solvut u l-azzjoni neċessarja tittieħed.

Il-bini tal-Kunsill huwa attrezzat b'apparat elettroniku ta' *cameras* u rekordjar, biss xorta waħda dan kollu jitfa' responsabbilta' ta' attenzjoni kontinwa għal dak kollu li jkun qed jiġri fil-bini tal-Kunsill.

Sal-lum inħoss li l-Uffiċċju tmexxa bl-aktar mod modern, responsabbli, dixxiplinat fejn l-ewwel qed jingħata każ tar-rispett lejn il-persuna ta' kull impjegat fil-Kunsill, li jrid iħossu apprezzat u responsabbilizzat fix-xogħol ta' kuljum tiegħu. Għaldaqstant impenn qawwi tal-amministrazzjoni tal-Kunsill huwa t-titjib fil-kwalita' tas-servizz mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni, partikolarment kif jiġu ttrattati l-ilmenti li huma ġustifikati, kif ukoll it-tixrid ta' nformazzjoni dwar il-Kunsill. Għal dan il-għan huwa pass ferm pożittiv dak li qed jieħu l-Kunsill li jkabbar il-Customer Care Service billi dan jiġi mwaqqaf fis-sular t'isfel tal-bini tal-Kunsill, fejn bdew il-proċeduri sabiex jinxtara ħanut li jmiss mal-Kunsill. Dan jawgura għal ħidma akbar.

Is-sezzjoni tar-Relazzjonjiet mal-Klijenti kompliet ittejjeb l-effiċjenza tagħha bl-introduzzjoni tas-sistema eletronika ta' l-irrapurtaġġ ta' l-ilmenti. Din qed twassal biex il-klijenti/residenti tagħna jinqdew aktar malajr jew aħjar ikunu jafu x'azzjoni qed tittieħed dwar l-ilment imressaq, skont kif maħsub fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali – Ilmenti, kif ukoll tippermettilna li nżommuhom kontinwament aġġornati bis-sitwazzjoni li jkun wasal fiha l-ilment tagħhom u fuq kollox sakemm dan jissolva. Regolarment nippublikaw l-istatistika tal-ilmenti fin-newsletter tal-Kunsill flimkien ma' nformazzjoni oħra utli.

| **ILMENTI** | **Nru** |
|---|---|
| Toroq (Patching) | *110* |
| Manutenzjoni Generali (Haddiema assenjati mal-Kunsill) | *891* |
| Ħmieġ fit-TOROQ (Knis/Qtugħ ta' Ħaxix mit-toroq/Tindif ta' Dustbins/ Ġbir ta' Annimali mejta /Tindif u Tbattil ta' Bring-in-sites/Non Urban/Cleansing Dept., Water Culverts) | *563* |
| Nuqqasijiet fil-Ġbir ta' skart/riċilaġġ | *403* |
| Manutenzjoni ta' Lampi u Belisha Lights(Kuntrattur) | *292* |

| | |
|---|---|
| Ġbir ta' skart goff mid-djar | *18,363* |
| Kuntratturi tal-Kunsill (Letrini, Sinjali u Marki tat-Traffiku, Minor Works, Contact Manager) | *1,777* |
| Konsultazzjoni—(Perit, Avukat) | *143* |
| Environmental Landscaping Consortium | *143* |
| Ministeri (MEDE, MEIB, MSDEC, MTI, Housing Auth, Dipt tal-Artijiet) | *60* |
| Transport Malta (toroq arterjali/distributorji u transport pubbliku, Traffic Lights) | *114* |
| Korporazzjoni Enemalta | *58* |
| Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma | *178* |
| Dipartiment tad-Drenaġġ | *75* |
| Dipartiment tas-Saħħa | *101* |
| Awtorita' tal-Ippjanar (MEPA) | *8* |
| Pulizija/Infurzar Lokali | *275* |
| Depot—Vetturi mitluqin | *53* |
| Nuqqasijiet mir-Residenti | *89* |
| Oħrajn (Kumpaniji Privati ez: Melita Cable/Go plc Maltapost, Animal Welfare, Civil Protection ecc) | *29* |
| **TOTAL** | ***23,725*** |

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti jokkupa regolarment żewġ impjegati kuljum tal-Kunsill. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-Segretarju Eżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, jaraw ukoll li jinfurmaw lid-dipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli fejn dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-sodisfazzjon tar-residenti.

Ħafna drabi, iżda jinħela ħafna żmien prezzjuż għaliex l-ilment ikun nieqes minn informazzjoni korretta u jkollha ssir verifika tar-rapport billi jintbagħat wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill sabiex jinvestiga.

## IMPJEGATI TAL-KUNSILL

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Qormi, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Qormi qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha. Bħas-sena l-oħra erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegata fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li tpoġġew kif ukoll tressqu *targets* ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi sejra terġa' tkun fil-ħidma ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' team, għaliex b'team ta' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċert li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill ta' Ħal Qormi għal din is-sena 2018. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti fl-ewwel sena tas-Seba' leġislatura tal-Kunsill, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

***IFFIRMAT***

**Karen Camilleri**
**Segretarju Eżekuttiv**

## *Statement of income and expenditure (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

| | 2018<br>€ | 2017<br>€ |
|---|---|---|
| **Revenue** | 1,268,927 | 1,210,856 |
| Funds received from Central Government | 7,208 | 2,853 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 21,934 | 26,841 |
| Income raised under Local Enforcement System | 94,219 | 104,648 |
| General Income | 1,392,288 | 1,345,198 |
| | | |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | 199,393 | 198,595 |
| Operations and maintenance | 649,252 | 689,040 |
| Administration and other expenditure | 1,114,839 | 352,203 |
| | 1,963,484 | 1,239,838 |
| | | |
| **Operating profit / (loss) for the year** | **- 571,196** | **105,360** |
| | | |
| Finance Income | 137 | 121 |
| Finance Costs | -4054 | -4534 |
| Loss on assets written off | -513 | - |
| | **- 575,626** | **100,947** |
| | | |
| Total comprehensive Income for the year | **- 575,626** | **100,947** |

## *Statement of Financial Position (Siltiet mill-Annual Audited Report)*

| | 2018 | 2017 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 1,958,746 | 2,141,389 |
| Intangible assets | 977 | 0 |
| | 1,959,723 | 2,141,389 |
| **Current Assets** | | |
| Inventories | 2,692 | 170 |
| Receivables | 465,551 | 324,594 |
| Cash at bank and in hand | 480,671 | 496,454 |
| | **948,914** | **821,218** |
| **Total Assets** | **2,908,637** | **2,962,607** |
| **RESERVES** | | |
| Retained earnings | **1,782,088.00** | **2,357,714.00** |
| **Total Reserves** | 1,782,088 | 2,357,714 |
| **Non-Current Liabilities** | | |
| Long-term borrowings | 193,217 | 44,868 |
| **Current Liabilities** | | |
| Payables | 886,934 | 466,690 |
| Short-term borrowings | 46,398 | 93,335 |
| | 933,332 | 560,025 |
| **Total Liabilities** | 1,126,549 | 604,893 |
| **Total Reserves and Liabilities** | 2,908,637 | 2,962,607 |

## *Statement of Changes in Equity (Siltiet mill-Annual Audited Report)*

**Retained Funds**

| | € |
|---|---|
| **At 1 January 2017** | 2,256,767 |
| Loss for the year | 100,947 |
| Total comprehensive expense for the year | 100,947 |
| **At 31 December 2017** | 2,357,714 |
| | |
| **At 1 January 2018** | 2,357,714 |
| Loss for the year | -575,626 |
| Total comprehensive income for the year | 575,626 |
| **At 31 December 2019** | 1,782,088 |

***Statement of Cash Flow (Siltiet mill-Annual Audited Report)***

Statement of Cash Flows

| | 2018 | | 2017 | |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Net (loss)/profit for the year** | - 575,626 | | 100,947 | |
| Reconciliation to cash generated from operations: | | | | |
| Depreciation | 893,061 | | 193,507 | |
| Amortisation | 176 | | - | |
| Loss of assets written off | 513 | | - | |
| Movement in Provision for Doubtful Debts | - 5,436 | | - 4,622 | |
| Interest receivable | - 137 | | - 121 | |
| Interest payable | 4,054 | | 4,534 | |
| Operating profit before working capital changes | 316,605 | | 294,245 | |
| (Increase)/Decrease in inventories | - 2,522 | | 5 | |
| Decrease in receivables | 8,356 | | 18,970 | |
| Decrease/(increase) in other receivables | 13,500 | | - 13,003 | |
| Increase/(decrease) in payables | 200,283 | | - 3,083 | |
| (Decrease)/Increase in other payables | - 167,133 | | 162,823 | |
| Government grant released | - 29,230 | | - 2,074 | |
| Cash generated from operating activities | | 339,859 | | 457,883 |
| **Cash flow from investing activities** | | | | |
| Interest received | 137 | | 121 | |
| Purchase of intangible fixed assets | 1,153 | | - | |
| Purchase of property, plant & equipment | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 841,747 | | 416,287 | |
| Receipt of grant | 385,710 | | 97,545 | |
| Grant Forfitted | - | | 4,133.00 | |
| Cash used in investing activities | | - 457,053 | | 322,754 |
| **Cash from financing activities** | | | | |
| New long term bank borrowing | 198,000 | | 3,627 | |
| Bank interest paid | 4,054 | | - 3,627 | |
| Other interest paid | - | | 907 | |
| Repayment of short term bank borrowings | - 33,573 | | - 34,222 | |
| Increase in overdrawn bank current account | - 118,260 | | - 46,334 | |
| Cash (used in)/generated from finacing activities | | 286,741 | | - 81,463 |
| **Net decrease in cash in the year** | | 169,547 | | 53,666 |
| Cash at bank and in hand at beginning of year | | 496,454 | | 442,788 |
| **Cash at bank and in hand at end of year** | | 666,001 | | 496,454 |